DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1321

tas-6 ta' Awwissu 2021

li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE fir-rigward tal-istatus tal-BSE tal-Kanada u l-Irlanda

(notifikata bid-dokument C(2021) 5789)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprevedi li l-Istati Membri, jew il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom (il-pajjiżi jew ir-reġjuni) iridu jiġu kklassifikati skont l-istatus tagħhom tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE) f'waħda minn tliet kategoriji kif ġej: riskju negliġibbli ta' BSE, riskju kkontrollat ta' BSE, u riskju indeterminat ta' BSE.

(2) L-Artikolu 5(2), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprevedi li jekk l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) tqiegħed pajjiż applikant f'waħda mit-tliet kategoriji tal-BSE, tista' tiġi deċiża valutazzjoni mill-ġdid tal-kategorizzazzjoni tal-BSE fil-livell tal-Unjoni.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE ([2]) telenka l-istatus tal-BSE ta' pajjiżi jew reġjuni skont ir-riskju tal-BSE tagħhom fil-Parti A, B jew C tal-Anness ta' dak l-att. Il-pajjiżi jew ir-reġjuni elenkati fil-Parti A ta' dak l-Anness jitqiesu li għandhom riskju negliġibbli ta' BSE, dawk elenkati fil-Parti B tiegħu jitqiesu li għandhom riskju kkontrollat ta' BSE, filwaqt li l-Parti C ta' dak l-Anness tipprovdi li pajjiżi jew reġjuni mhux elenkati fil-Parti A jew B jridu jitqiesu li għandhom riskju indeterminat ta' BSE.

(4) Bħalissa l-Kanada u l-Irlanda jaqgħu fil-Parti B tal-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż b'riskju indeterminat ta' BSE.

(5) Fis-27 ta' Mejju 2021, l-Assemblea Dinjija tal-OIE adottat ir-Riżoluzzjoni Nru 17 dwar "ir-Rikonoxximent tal-Istatus ta' Riskju tal-Enċefalopatija Sponġiformi Bovina tal-Membri" ([3]), bil-għan ta' dħul fis-seħħ fid-29 ta' Mejju 2021. Dik ir-Riżoluzzjoni rrikonoxxiet lill-Kanada u lill-Irlanda bħala li għandhom riskju negliġibbli ta' BSE, f'konformità mal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE. Wara valutazzjoni mill-ġdid tas-sitwazzjoni fil-livell tal-Unjoni, li tirriżulta minn dik ir-Riżoluzzjoni tal-OIE Nu 17, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-istatus ta' BSE OIE ġdid ta'żewġ pajjiżi jenħtieġ li jiġi rifless fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE.

(6) Għaldaqstant il-lista tal-pajjiżi jew ir-reġjuni fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE jenħtieġ li tiġi emendata b'tali mod li l-Kanada u l-Irlanda jiġu elenkati fil-Parti A tal-Anness taħt il-pajjiżi jew ir-reġjuni b'riskju negliġibbli ta' BSE.

(7) Għalhekk jinħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skont ir-riskju tal-BSE (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84).

([3]) https://www.oie.int/app/uploads/2021/05/a-r17-2021-bse.pdf

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS

LISTA TA' PAJJIŻI JEW REĠJUNI

A **Pajjiżi jew reġjuni b'riskju ta' BSE negliġibbli**

Stati Membri

— Il-Belġju
— Il-Bulgarija
— Iċ-Ċekja
— Id-Danimarka
— Il-Ġermanja
— L-Estonja
— L-Irlanda
— Spanja
— Il-Kroazja
— L-Italja
— Ċipru
— Il-Latvja
— Il-Litwanja
— Il-Lussemburgu
— L-Ungerija
— Malta
— In-Netherlands
— L-Awstrija
— Il-Polonja
— Il-Portugall
— Ir-Rumanija
— Is-Slovenja
— Is-Slovakkja
— Il-Finlandja
— L-Iżvezja

Reġjuni tal-Istati Membri (*)

— L-Irlanda ta' Fuq

Pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles

— L-Iżlanda
— Il-Liechtenstein
— In-Norveġja
— L-Iżvizzera

Pajjiżi terzi

— L-Arġentina

— L-Awstralja
— Il-Brażil
— Il-Kanada
— Iċ-Ċilì
— Il-Kolombja
— Il-Costa Rica
— L-Indja
— Iżrael
— Il-Ġappun
— Jersey
— In-Namibja
— New Zealand
— Il-Panama
— Il-Paragwaj
— Il-Perù
— Is-Serbja (**)
— Singapore
— L-Istati Uniti
— L-Urugwaj

B. **Pajjiżi jew reġjuni b'riskju tal-BSE kkontrollat**

Stati Membri

— Il-Greċja
— Franza

Pajjiżi terzi

— Il-Messiku
— In-Nikaragwa
— Il-Korea t'Isfel
— It-Tajwan
— Ir-Renju Unit bl-eċċezzjoni tal-Irlanda ta' Fuq

C. **Pajjiżi jew reġjuni b'riskju indeterminat ta'BSE**

— Il-pajjiżi jew ir-reġjuni li mhumiex elenkati fil-Partijiet A jew B..

(*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-iskopijiet ta' dan l-Anness kwalunkwe referenza għall-Istati Membri tinkludi r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

(**) Kif imsemmi fl-Artikolu 135 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra (ĠU L 278, 18.10.2013, p. 16)."